MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Rikors Numru. 90/2005/1

**Emanuel sive Noel Baldacchino (ID 80966M), Giovanna Diedo (ID 448467M), Carmen Scicluna (ID 9741M), John Baldacchino (ID 462546M), Rose Cauchi (ID 506943M), Joseph Attard (ID 128143M), Lawrence Attard (ID 414658M) Gaetano Attard (ID 441461M), Agnes Galea (ID 323663M), Elizabeth Borg (ID 743755M), Theresa Mallia (ID 319054M), Rose Fenech (ID 127056M), Angelo Attard (ID 1008145M), John Attard (ID 317944M), Frances Attard (ID 935448M), Joseph Baldacchino (ID 646128M) Mary Zerafa (ID 639347M), Norbert Ellul (ID 41562M) Victor Ellul (ID 26364M), Mario Ellul (ID 393467M), Joseph Ellul (ID 406172M), John Baldacchino (ID 524743M), Catherine mart Gaetano Zammit (ID 194150M), Rosario Baldacchino (ID 369151M), Stephen Baldacchino (ID 302279M), George Baldacchino (ID 358245M)**

**vs**

**George Cassar (ID 70469M)**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi huma jikru lill-intimat il-post residenzjali 211, Qormi Road Marsa versu l-kera ta' Lm28 fis-sena li jithallsu kull sena bil-quddiem u l-iskadenza li tmiss taghlaq fis-17 ta' Dicembru 2005;

Illi l-intimat ma ghadux jabita f'dan il-post, qed juzah bhala store u b'hekk biddel id-destinazzjoni tal-istess post minghajr kunsens tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-imsemmi fond u konsegwentement jordna l-izgumbrament tal-intimat fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-intimat li tghid:

It-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-fond in kwistjoni ma jintuzax bhala store u kontrarjament ghal dak li gie allegat, l-intimat juzah bhala r-residenza tieghu.

Semgha x-xhieda;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi mir-risposta tal-intimat huwa pacifiku li l-fond mertu ta' din il-kawza huwa mikri bhala residenza u mhux bhala store. Minn dan jemergi ghalhekk li dan il-fond ghandu jkun utilizzat bhala residenza u jekk qed jintuza bhala store, qatt ma kien hemm qbil jew konoxxenza tar-rikorrenti li dan jista' jintuza mod iehor.

Victor Zerafa, wiehed mir-rikorrenti, xehed illi meta acceda fil-fond f'Jannar tal-2004 sabiex ihejji pjanta tieghu ghal skopijiet ta' dikjarazzjoni *causa mortis* innota li fil-fond kien hemm numru kbir ta' kaxxi tat-*televisions* u settijiet. Dan ix-xhud ghamel ricerka fuq l-intimat fejn irrizultalu, skond att notarili ta-19 ta' Jannar 2002, li l-istess intimat xtara fond permezz ta' self mill-Bank of Valletta. Dan l-att, esebit in atti a fol 37, jghid li l-intimat, li ddikjara li joqghod il-Marsa, qed jixtri u jakkwista fond fi Triq gdida bla isem fi Triq Anthony Valletta gia Triq bla isem fi Triq il-Qattus, Birkirkara flimkien ma garaga fl-istess binja. Fl-istess att, l-intimat xerrej iddikjara li qed jixtri l-fond bhala l-unika residenza tieghu.

Victor Ellul, kopropretarju rikorrenti ikkonferma dak li ra Victor Zerafa u kkonkluda li dan il-fond qed jintuza bhala store u mhux bhala residenza;

Rapprezentant tal-Korporazzjoni EneMalta xehed illi il-fond in kwistjoni kif ukoll dak fi Triq Gdida fi Triq il-Qattus, Birkirkara, isejhu lill-intimat u hemm kont pendenti fuq il-fond mertu tal-kawza. Rapprezentant tal-GO plc xehed illi l-intimat talab li jkun stallat servizz tat-telefon fil-fond ta' Birkirkara f'Ottubru 2003 filwaqt li ma hemm servizz tat-telefon stallat fil-fond tal-Marsa. Rapprezentant tal-Water Services Corporation xehed illi hemm zewg accounts f'isem l-intimat u cioe' wiehed ghal fond tal-Marsa u iehor ghal dak ta' Birkirkara u t-tnejn juru li qed jintuzaw ghal skopijiet domestici. Il-meter tal-fond tal-Marsa ilu ma jinqara minn Dicembru 2007 u l-kontijijet ghalhekk huma bazati fuq stimi. Il-kontijiet tal-fond ta' Birkirkara qed jintbaghtu fl-indirizz tal-fond tal-Marsa.

Ikkonsidra inoltre illi dawn huma l-provi mressqa quddiem dan il-Bord ghad-decizzjoni tieghu. L-intimat ma ressaq ebda prova kontrarja u minkejja li dan ma jfissirx li l-Bord ghandu talvolta jakkolji t-talbiet tar-rikorrenti, l-Bord huwa konvint, bil-provi mressqa, li l-intimat biddel id-estinazzjoni tal-fond minghajr il-kunsens tas-sidien sia ghaliex mhux qed jirrisjedi fih stante li qed jirrisjedi gewwa fond iehor, kif ukoll billi qed juza dan il-fond ghal skopijiet ta' magazinagg meta l-istess intimat ikkonferma li l-fond

huwa wiehed moghti lilu biex jabita gewwa fih (ara r-risposta tal-intimat).

Illi ghalhekk ir-rikorrenti pruvaw l-allegazzjoni taghhom fil-grad li trid il-ligi u ghal dawn il-motivi, jilqa’ t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-fond 211, Qormi Road Marsa fi zmien xahar mil-lum sa liema data l-intimat ghandu jizgombra mill-istess fond u jhallih vakanti favur ir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------